**L-iskola St.Joseph Tas-Sliema tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta '*Premises Coordinator*'.**

Il-Premises Coordinator se jwettaq dmirijiet u responsabbiltajiet flimkien mal-Kapijiet tal-Iskola ta' St Joseph School (Sezzjoni Sekondarja u Sezzjoni Primarja)Tas-Sliema, Blata l-Bajda u Paola.

**1. Id-dmirijiet ta- *Premises Coordinator'* jinkludu:**

1.1. l-ippjanar, il-koordinazzjoni, it-twettiq u l-għoti ta' garanzija għall-implimentazzjoni tat-tiswijiet ġenerali, il-manutenzjoni ġenerali, it-tindif ġenerali, il-manutenzjoni tal-ġonna u l-pajsaġġ, is-sigurtà u l-prekawzjonijiet meħtieġa fl-ambjenti tal-faċilitajiet li jaqgħu taħt il-ħarsien tiegħu/tagħha. Dan jinkludi l-immaniġġjar tal-interventi kollha relatati ma' talbiet għat-tiswija u l-manutenzjoni mqajma mill-Kapijiet tal-Iskola, l-ipproċessar ta' tali talbiet u l-garanzija tal-implimentazzjoni fil-ħin tax-xogħlijiet relatati.

1.2. Fir-rigward tat-tindif ġenerali, il-garanzija li l-faċilitajiet u l-ambjenti kollha jaqgħu taħt il-ħarsien tiegħu/tagħha, ikunu dejjem nodfa, siguri u sikuri. Fir-rigward tal-ġonna u l-oqsma tal-pajsaġġ, jiġi żgurat li dawn iż-żoni jkunu nodfa u miżmuma tajjeb. Fir-rigward tas-sigurtà, jiġi żgurat li l-faċilitajiet ikunu mgħammra b'sistemi ta' sigurtà xierqa.

1.3. Jiġi żgurat li s-sinjali, kif approvati mill-Kapijiet tal-Iskola, jiġu installati u miżmuma kif suppost.

1.4. Li jkollu komunikazzjoni diretta mal-Kapijiet tal-Iskola għall-immaniġġjar tal-istaff mhux tat-tagħlim u mhux amministrattiv, inkluż dawk li jagħmlu xogħol manwali, tindif u ġardinaġġ.

1.5. Li jistabbilixxi standards ta' kwalità għax-xogħlijiet kollha mwettqa minn kuntrattur u jiżgura li dawn jitwettqu b'mod effiċjenti u ekonomiku fi żminijiet miftehma.

1.6. Li jipprioritizza, jassenja u jikkoordina xogħol ma' kuntrattur taħt l-amministrazzjoni tiegħu/tagħha u jaħdem fuq ħiliet ta' xogħol f'tim.

1.7. Li jitħarreġ u jissorvelja x-xogħol ta' persunal kuntrattat.

1.8. Li jistabbilixxi u jżomm relazzjonijiet ta' ħidma effettivi ma' kuntrattur, kif ukoll mal-Kapijiet tal-Iskola, u jippromwovi prattiki, kundizzjonijiet u ambjent tax-xogħol sigur.

1.9. Li jeżerċita ġudizzju indipendenti fl-ippjanar, il-valutazzjoni u l-assenjazzjoni tax-xogħol relatat, kif ukoll fl-iżvilupp ta' programmi ta' xogħol, is-superviżjoni tal-progress, u jiżgura li x-xogħol kollu jsir b'mod effiċjenti u effettiv.

1.10. Li jieħu inizjattiva billi jiżgura tiswijiet regolari u manutenzjoni preventiva fil-bini, l-apparat, il-għamara u sistemi oħra fi ħdan il-ġurisdizzjoni tiegħu/tagħha.

1.11. Li jkun responsabbli għar-rapport tal-Valutazzjoni tar-Riskju flimkien mal-Kapijiet tal-Iskola u l-Uffiċjal għas-Saħħa u s-Sigurtà.

1.12. Jiżgura li l-ordnijiet u l-ħlasijiet kollha jkunu dokumentati kif suppost.

1.13. Li jkun jaf il-prinċipji, il-prattiċi, l-għodod u l-materjali użati fil-kostruzzjoni, it-tiswijiet ġenerali, it-tindif u l-manutenzjoni tal-ġonna.

1.14. Li jinvestiga u jagħmel rapporti fuq inċidenti jew ħsarat fil-faċilitajiet u tagħmir.

1.15. Li jipprepara u jikkalkula stimi fuq materjali u spejjeż tax-xogħol relatat, kif ukoll jipprovdi l-informazzjoni me'tieġa lill-Bord tal-Gvernaturi.

1.16. Flimkien mal-Kapijiet tal-Iskola, jiżgura l-użu effiċjenti ta' faċilitajiet, spazji u riżorsi.

1.17. Li jżomm inventarju dettaljat tal-għamara u r-riżorsi tal-iskola b'kollaborazzjoni mat-tekniku u l-istaff amministrattiv.

1.18. Li jassisti lill-Kapijiet tal-Iskola fil-ġbir ta' miżati għall-użu tal-faċilitajiet.

1.19. Li jikkomunika b'mod effettiv, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub.

1.20. Li jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor delegat mill-Kapijiet tal-Iskola jew il-Bord tal-Gvernaturi.

1.21. Li jaħdem skont kull direttiva oħra mogħtija mill-Kapijiet tal-Iskola jew il-Bord tal-Gvernaturi.

**2. Termini u Kundizzjonijiet**

2.1. Din il-ħatra hija suġġeta għal perjodu ta’ prova ta’ si t (6) xhur.

2.2. Is-salarju ta’ *Premises Coordinator’* huwa ta’ Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2023 huwa ta’ €21,630.00 fis-sena, li jiżdied b’ €375.17 fis-sena sa massimu ta’ €23,881.02.

2.3. Persuna fil-grad ta’ Premises Coordinator’ titla’ fi Skala ta' Salarju 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59) wara ħames (5) snin servizz fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b’mod sodisfaċenti.

2.4. Persuna fil-grad ta’ *Premises Coordinator’* titla’ fi Skala ta' Salarju 9 (€24,494.79 x €447.33 - €27,178.77) wara ħames (5) snin oħra servizz fi Skala ta' Salarju 10, dejem jekk tkun qdiet dmirha b’mod sodisfaċenti.

**3. Rekwiżiti tal-Eliġibbilita’**

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għal-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

3.1.

a. ċittadini ta’ Malta; jew

b. ċittadini ta’ Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal tratament ugwali daqs ċi tadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg bis-saħħa ta’ leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ tra tati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta’ kwalunkwe pajiż ieħor li għandhom jedd għal tratament ugwali daqs ċi tadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ tra tati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal tra tament ugwali daqs ċi tadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f’(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ tra tati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta’ pajiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f’Malta taħt ir regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar “Status ta’ Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċi tadini ta’ Pajiżi Terzi)”, jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta’ ċi tadini ta' pajiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta’ residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta’ dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument ‘Status ta’ Residenza ta’ Ċi tadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f’Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l Irlanda ta’ Fuq mil-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.’

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identita` Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-A t dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

3.2. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

3.3. fil-pussess ta' liċenzja valida tas-sewqan;

3.4. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livel 5 tal-MQF (suġġe t għal minimu ta' 60 kreditu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'qasam tekniku.

* Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma 60 ECTS/ECVET kretu, hek kif applikabbli hija accetata biss sugget ghal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mi l-MFHEA li tigi so tomessa mal-applikazzjoni.

Kwalifiki f'livel ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċetati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġet speċifikat.

Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mil-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jisso tome tu evidenza li ġew approvati għal-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livel tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkol. Dawn il-kandidati għandhom jissotometu evidenza li temmew b'suċċess il-kre ti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livel tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal-applikazzjonijiet.

3.5. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għal-post li għalih saret l-applikazzjoni.

3.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għal applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-so tomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli .

**4. Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkolha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta.

Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**5. Proċeduri tal-Għażla**

L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu ada t għal-post. Il marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil-kandidati li, minbarra dak rikjest, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**6. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-kapijiet tal-iskola. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-

applikant). L-applikanti iridu jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħrug mhux iżjed minn xhar qabel id-data tal-applikazjoni.

Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.